MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 1222/2000/1

**Middle Sea Insurance Plc., kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Agius, kif ukoll l-istess
Joseph Agius**

**Vs**

**Michael Bianco**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-27 ta' Ottubru tal-1999 fil-limiti tal-Mellieha meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura numru LCY 896 minhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura numru BBK 074 propjeta' ta' Joseph Agius, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;**

**2. Illi in vista tal-premess li tilliwkida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u sebgha u erbghin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (LM574.67,0), jew somma ohra verjuri, u dawk tal-attur Joseph Agius fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM40.25,0), okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;**

**3. Ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

**4. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (LM15.00,0), ta' Ittra Ufficjali tat-28 ta' Jannar tas-sena 2000 u ta' Ittra Ufficcjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata l-10 ta' Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-ewwel talba tal-atturi ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort ta' Paul Claus Deter xufier tal-vettura numru BBK 074;**

**2. Illi t-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi;**

**3. Illi jsegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-atturi;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat ukoll il-verbal tal-partijiet fejn infurmaw lill-qorti konguntivament li l-incident in dizamina sehh fid-data indikata fl-avviz li ta bidu ghal din il-procedura;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fis-27 t'Ottubru ta' l-1999 ghall-habta tal-10.30a.m.;**

**2. Illi l-vetturi involuti kienu wahda tal-marka Hyundai bin-numru BBK-074 misjuqa minn Claus Deter Paul ta' nazzjonalita' Germaniza u xarabank bin-numru LCY-896 misjuqa mill-konvenut Michael Bianco;**

**3. Illi l-proprjetarju tal-vettura tal-marka Hyundai fuq indikata kien Joseph Agius ta' "Aquarius Rent-A-Car";**

**4. Illi skond ir-rapport redatt mis-Surgent involut il-persuni involuti stqarrew is-segwenti:**

**a. Claus Deter Paul:**

**i. Illi huwa kien wieqaf fil-karozza fuq indikata f'Marfa Road, il-Mellieha hdejn latrina pubblika;**

**ii. Illi meta kien hekk wieqaf ra lill-konvenut jinzel mix-xarabank biex jidhol fil-latrina pubblika msemmija;**

**iii. Illi f'dak il-mument meta allura x-xarabank kienet sprovvista minn xufier, din irriversjat u baqghet diehla fuq quddiem tal-vettura l-ohra tal-attur kif assigurat mis-socjeta' attrici;**

**iv. Illi l-hsarat sofferti mill-imsemmija vettura gew ripristinati mis-socjeta' attrici;**

**b. Michael Bianco:**

**i. Illi hu kien qed isuq ix-xarabank de quo;**

**ii. Illi huwa pparkja f'Marfa Road, il-Mellieha biex itella' t-turisti mill-hotel li kien hemm fil-qrib u f'daqqa wahda il-vettura ta' l-atturi baqghet diehla fuq in-naha ta' wara tax-xarabank;**

**iii. Illi fil-mument tal-kollizzjoni dan ix-xufier kien barra mill-vettura tieghu;**

**iv. Illi x-xarabank sofra hsara irrizorja;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-provi prodotti, tenut kont li wiehed mill-protagonisti principali thalla jitlaq minn Malta minghajr ma jaghti l-versjoni tieghu gudizjarjament huma karenti u jimpedixxu lil din il-qorti milli taffettwa gudizzju serju, seren u assodat fuq fatti verifikabbli;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------